**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Ottubru, 2024**

**Talba Nru: 173/2022MD**

**Elmo Insurance Limited (C-3500) kf surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Kenneth Cauchi**

**Vs**

**L-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fl-14 ta' Ġunju, 2022[1] permezz ta' liema s-soċjeta` attrici talbet li l-Aġenzija konvenuta tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' ħames mija u tminn ewro (€508) rappreżentanti d-danni kollha sofferti minn Kenneth Cauchi, assikurat mas-soċjeta' attriċi u li għalihom għamlet tajjeb is-soċjeta' attriċi bħala indenniz a favur tal-assikurat tagħha u dan insegwitu ta' inċident illi seħħ fl-1 ta' Diċembru, 2021 fi Triq Ħal Farruġ, Ħal Luqa, meta waqt li Nadia Aquilina kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CCB735, proprjeta' tal-assikurat Kenneth Cauchi, saqet fuq *pothole* illi kienet esposta mingħajr senjalazzjoni u konsegwentement ġarrbet ħsara fl-imsemmija vettura; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Mejju, 2022, u bl-imgħax legali b'effett mil-20 ta' Mejju 2022 sad-data tal-pagament effettiv.

[1] A fol 1 et seq tal-proċess

Ra r-risposta ta' l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta[2] datata 6 ta' Lulju, 2022 permezz ta' liema eċċepiet:

1. *Illi, preliminarjament, l-Aġenzija intimata għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-patrimonju tal-parti danneġġjata għandu jitpoġġa, kemm jista jkun fl-istess qagħda u\jew konsistenza li kien jinsab fid-data tal-akkadut leżiv, iżda mhux li jiġi inkrimentat. Għaldaqstant, fir-riżarċiment dovut għandu jittieħed in konsiderazzjoni deprezzament bħala fattur ta' wear and tear;*

3. *Illi b'żieda mal-premess, u dejjem bla pregudizzju l-atturi għandhom iġibu l-aħjar prova tad-danni pretiżi minnhom;*

4. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Ra li fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2022[3], l-avukat difensur tal-Aġenzija konvenuta rrilevat illi minħabba illi mertu tal-kawża ċioe' d-dannu sofrut mhux qed jiġi kontestat da parti tal-Aġenzija intimata, l-Aġenzija tirrileva illi fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mhux qed tiġi kontestat għaldaqstant l-Aġenzija ser tittratta sempliċiment il-kwistjoni tal-kwantum.

Ra l-affidavits ppreżentati mill-partijiet.

Ra d-dokumenti esebieti in atti.

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Is-soċjeta' attriċi titlob li l-Aġenzija konvenuta tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' ħames mija u tminn ewro (€508) rappreżentanti d-danni kollha sofferti minn Kenneth Cauchi, assikurat mas-soċjeta' attriċi u li għalihom għamlet tajjeb is-soċjeta' attriċi bħala indenniz a favur tal-assikurat tagħha u dan insegwitu ta' inċident illi seħħ fl-1 ta' Diċembru, 2021 fi Triq Ħal Farruġ, Ħal Luqa, meta waqt li Nadia Aquilina kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CCB735, proprjeta' tal-assikurat Kenneth Cauchi, saqet fuq *pothole* illi kienet

[2] A fol 10 et seq tal-proċess
[3] A fol 22 tal-proċess

esposta mingħajr senjalazzjoni u konsegwentement ġarrbet ħsara fl-imsemmija vettura. L-Aġenzija konvenuta *in linea* preliminari eċċepit li l-Aġenzija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju[4]. Fil-mertu eċċepit li l-patrimonju tal-parti danneġġjata għandu jitpoġġa, kemm jista jkun fl-istess qagħda u\jew konsistenza li kien jinsab fid-data tal-akkadut leżiv, iżda mhux li jiġi inkrimentat. Għaldaqstant, fir-riżarċiment dovut għandu jittieħed in konsiderazzjoni deprezzament bħala fattur ta' *wear and tear*, u li l-atturi għandhom iġibu l-aħjar prova tad-danni pretiżi minnhom.

**Provi prodotti**

Ra l-affidavit ta' **Kenneth Cauchi**[5] li ddikjara li għalkemm ma kienx ma martu Nadia Aquilina meta seħħ l-inċident ikkonferma l-bqija tal-fatti magħrufa minnu u dan a skans ta' repetizzjoni. Hu żied li hu s-sid rreġistrat tal-vettura Nissan Qashai bin-numru ta' reġistrazzjoni CCB 735 u l-polza tal-assikurazzjoni tal-vettura qiegħda ma Elmo Insurance Limited.

Ra l-affidavit ta' **Nadia Aquilina**[6] li ddikjarat ai fini ta' kuntest hi ssuq il-vettura Nissan Qashai bin-numru ta registrazzjoni CCB-735, u li għalkemm din il-vettura qiegħda f'isem żewġha, Kenneth Cauchi, il-polza tal-assikurazzjoni tal-vettura tkopri lilha wkoll bħala sewwieqa awtorizzata li ssuq din il-vettura. Dak inhar tal-inċident u ċioe' fl-1 ta' Diċembru, 2021, waqt li kienet qiegħda issuq l-imsemmija vettura matul Triq Ħal Farruġ, Ħal Luqa fid-direzzjoni lejn l-Imqabba, fis-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) meta kien ġja dalam, ħasset daqqa fir-rota ta' quddiem tal-passiġġier hekk kif l-istess naħa ta' quddiem tal-passiggier tal-vettura niżlet ġo ħofra kbira ħafna li kien hemm fin-nofs tat-triq, li ma kinitx tidher bl-ebda mod. Kompliet tispjega li mmedjatament mad-daqqa, indunat li r-rota niżlet u ressqet il-vettura mal-ġenb sabiex iċċempel għall-għajnuna. Meta waqfet u marret tiċċekja x'kien ġara rat li kien hemm ħofra kbira mimlija bl-ilma, u dan peress li kienet għadha kif għamlet ix-xita. Din il-ħofra ma setgħetx tkun viżibbli għax-xufiera għaddejjin minn dik it-triq, u dan anke kif jidher fir-ritratti meħuda minnha stess l-għada tal-inċident[7]. Ftit wara l-inċident kienet rat ukoll xi artikoli bir-ritratti tal-istess ħofra fuq il-ġurnali lokali u anke fuq *social media*. Peress li l-vettura hija assikurata taħt polza *fully comprehensive* ma' Elmo Insurance Limited, hi u r-raġel tagħha kienu ċemplu lis-soċjeta' attriċi sabiex javżawhom b'dak li kien ġara, li talbithom sabiex tieħu l-vettura sabiex tiġi spezzjonata u kienet għażlet li tieħu l-vettura għand ċertu Vince Tyre Services (Vince Garage), Triq il-Kaċċatur, Ħal Qormi, fejn saret spezzjoni tal-vettura u tar-rota li soffriet il-ħsarat. Kien irriżulta li kaġun tad-daqqa kienet inqalgħet ir-rota tan-naħa ta' quddiem tal-passiġġier, din kellha tinbidel u kien hemm anke ħsara fir-rim tal-istess rota, li eventwalment ġiet imsewwija minn Vince Garage. Taf li dawn il-ħsarat li ammontaw għal €508 ġew imħallsa minn Elmo Insurance Limited direttament lil Vince Garage.

[4] Liema eċċezzjoni ġiet irtirata mill-Aġenzija konvenuta fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2022, a fol 22 tal-proċess
[5] A fol 29 tal-proċess
[6] A fol 30 et seq tal-proċess
[7] A fol 31 et seq tal-proċess

Fil-kontro-eżami[8] qablet li l-allegati ħsarat saru fir-rota tan-naħa ta' quddiem tal-passiggier tal-vettura. Ftakret li kienet biddlet *tyre* izda ma ftakritx jekk kienx l-istess wieħed li ġie danneġġjat. Il-vettura nxtrat fis-sena 2015. Meta biddlu t-*tyre* ma marrux għand l-istess persuna u din id-darba marru għand mekkanik għaliex kellhom il-hsara.

Sema lil George Stagno Navarra[9], li ddikjara li hu rappreżentant tas-soċjeta' attriċi. Qal li Kenneth Cauchi huwa assikurat fuq il-vettura Nissan Qasqhai bin-numru ta' reġistrazzjoni CCB 735, *comprehensive cover* mis-7 ta' Lulju, 2020 sal-31 ta' Marzu 2021 u ppreżenta ċ-ċertifikat u l-polza[10]. Kenneth Cauchi rraporta *claim*[11] li waqt li l-vettura kienet qed jinstaq mil-mara tiegħu hija daħlet ġo ħofra u għamlet ħsarat fit-*tyre* u fir-rota tal-vettura. Mar *surveyor* għand Vince Garage u awtorizza tiswija fuq ir-rota u tibdil tat-tyre u ppreżenta s-survey report[12]. Saru t-tiswijiet minn Vince Garage fejn is-soċjeta' attriċi ħallset is-somma ta' €508. Kenneth Cauchi ma ħallas xejn għaliex ma kellux *excess*. In segwitu ta' dan għaddiet korrispondenza mal-Aġenzija konvenuta fejn intalbu jaċċettaw it-tort u jħallsu u li jekk ma kienux ser jirċievu *acceptance of liability* sat-3 ta' Ġunju, kienu ser jipproċedu. Ikkonferma li ntbagħtet ittra uffiċjali datata 20 ta' Mejju, 2022[13].

Sema lil Vincent Bonnici[14] li ddikjara li huwa ma rax il-vettura imma t-*tyre* maqsum u r-rim mgħawweġ, fejn irranġaw ir-rim u xtraw *tyre* ieħor. Mill-esperjenza tiegħu il-kawża tar-rim maqsum huwa kawża tal-ħofra. Skont l-irċevuta hemm €150 għar-rim li rranġaw u l-kumplament hemm l-irċevuta tat-*tyre* Continental.

Fil-kontro-ezami[15] qal li fir-rigward tal-fattura li kien ħareġ lis-soċjeta' attrici u qal li t-*tyre* kien maqsum u ma jissewwiex u qal li kien f'kundizzjoni tajba. Hu rah u għaddieh lil-lavrant sabiex jaqilgħu.

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-kawża in eżami titratta dwar ħsarat li saru fuq *tyre* u rim ta' vettura minħabba ħofra. L-Aġenzija konvenuta qed tikkontesta biss il-kwantum stante li fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2022 ġiet irtirata l-eċċezzjoni preliminari u ċioe' li l-Aġenzija konvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fis-sottomissjonijiet tagħha l-Aġenzija konvenuta ssolevat illi min-naħa tagħha kienet disposta tikkumpensa lis-soċjeta' attriċi iżda mhux għall-ammont pretiż minnha u dan għaliex il-vettura inxtrat fis-sena 2015 u l-inċident li fih saru d-danni mertu tal-kawża odjerna seħħu ċirca tminn snin wara u għalhekk ssolevat li t-*tyre* żgur kellu *wear and tear* u dan għaliex il-vettura tintuża kuljum u speċjalment fit-toroq ta' Malta. Fir-rigward tal-*wear and tear* ġiet

[8] A fol 60 et seq tal-proċess, kontro-ezami datat 15 ta' Ġunju, 2023
[9] A fol 36 et seq tal-proċess; xhieda datata 16 ta' Marzu, 2023
[10] Dok. GSN1, a fol 40 tal-proċess
[11] Dok. GSN2, a fol 42 et seq tal-proċess
[12] Dok. GSN3, a fol 46 et seq tal-proċess
[13] A fol 50 tal-proċess
[14] A fol 51 et seq tal-proċess, xhieda datata 16 ta' Marzu, 2023
[15] A fol 63 et seq tal-process, kontro-ezami datat 15 ta' Ġunju, 2023

iċċitata s-sentenza fl-ismijiet **Romina Mifsud vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et**[16] fejn l-Aġenzija konvenuta sostniet illi t-Tribunal kien daħal f'ċertu profondita' fuq il-kwantum u l-aspett ta' *wear and tear*, fejn it-Tribunal fuq din il-materja rrileva s-segwenti:

> *Ghal dak li jikkoncerna l-hsarat marbuta mar-rota, it-Tribunal jistrieh fuq l-istima mahruga minn Paul Magri, li hija fl-ammont ta' €2,400.00c. Madanakollu, hawnhekk ukoll wiehed irid jiehu qies li f'tali stima – u kif ukoll ammess mill-istess Paul Magri – il-kwistjoni ta' deprezzament ma ttiehidtx in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' l-istima relattiva. Ghandu wkoll jittiehed kont tal-fatt li r-rota kienet ghand l-attrici madwar sena jew sentejn u kienet tintuza b'mod abitwali u li allura l-fattur 'wear and tear' ghandu wkoll jinghata piz fil-valur tar-rizarciment dovut. Kif inhu ormai saput u radikat fit-taghlim tal-qrati Maltin, danneggjat ghandu ddritt li jikkonsegwi rizarciment tat-telf tieghu u huwa ghandu l-jedd li – jekk hekk intitolat – jinghata kumpens biex jigi ri-integrat f'dak il-patrimonju li l-event sinistru jkun xekkillu (rifless fil-brokkard antik "restitutio in integrum"). Bhala konsegwenza, il-patrimonju tal-parti danneggjata ghandu jitpogga, kemm jista' jkun, fl-istess qaghda u/jew konsistenza li kien jinsab fid-data ta' l-akkadut leziv, izda mhux li jigi inkrimentat. Ghalhekk, fid-diskrezzjoni ekwittativa ta' dan it-Tribunal u fuq bazi arbitrio boni viri, jinhass gust illi dwar ir-ras ta' hsarat marbut mar-rota, l-attrici ghandha tircievi s-somma ta' elfejn u mitt ewro (€2,100.00c) minflok is-somma mitluba ta' elfejn u erbgha mitt ewro (€2,400.00c).*

Fil-każ hawn fuq ċitat, il-vettura kienet rota li subiet danni f'diversi partijiet tagħha u t-Tribunal wasal għad-deċiżjoni għaliex fl-istima ppreżentata u mix-xhieda mressqa dwar l-istima rriżultalu li ma ttieħdetx in konsiderazzjoni il-*wear and tear*.

Il-kawża odjerna tittratta titratta dwar *tyre* u rim ta' karozza. Jirriżulta illi l-ħsara saret mill-ħofra fit-triq li kienet għaddejja minnha l-mara tal-assikurat tas-soċjeta' attriċi. Mir-ritratti esesbiti tirriżulta l-profondita tal-ħofra li b'riżultat tagħha inqasam t-*tyre* u tgħawweġ ir-rim[17]. Mill-polza ta' assikurazzjoni jirriżulta li Nadia Aquilina kienet irreġistrata fuq il-polza bħala xufiera.[18] Mix-xhieda ta' Vincent Bonnici bħala rappreżentant ta' Bonnici & Sons li ra t-*tyre* jirriżulta li t-*tyre* kien f'kundizzjoni perfetta iżda kien maqsum u kien għalhekk li kellu jinbidel. Qal ukoll li r-rim kien mgħawweġ, iżda dan tranġa u ma nbidilx u spjega li mill-esperjenza tiegħu dan id-dannu jseħħ meta *tyre* jieħu daqqa ġo ħofra. Ma rriżultax li tressaq Maurice Azzopardi, u ċioe' il-persuna li għamel is-*survey* report[19] sabiex jixhed dwar jekk ħax in konsiderazzjoni l-*wear and tear*. Inoltre, Nadia Aquilina fix-xhieda tagħha spjegat illi kien inbidel *tyre* għalkemm ma setgħetx tgħid b'ċertezza jekk kienx l-istess wieħed li ġarrab il-ħsara u għalhekk it-Tribunal ma huwiex komfortat illi l-istess *tyre* li ġie danneġġat ma huwiex l-istess wieħed li kien inbidel.

---

[16] Avviż tat-Talba numru: 557/2018, deċiża mit-Tribunal għal-Talbiet Żgħar nhar it-30 ta' Novembru, 2021

[17] A fol 31 et seq tal-proċess

[18] A fol 40 tal-proċess

[19] A fol 46 et seq tal-proċess

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-Aġenzija konvenuta sabiex tħallas lill-istess soċjeta` attriċi s-somma ta' ħames mija u tminn Ewro (€508) rappreżentanti d-danni kollha sofferti minn Kenneth Cauchi, assikurat mas-soċjeta' attriċi u li għalihom għamlet tajjeb is-soċjeta' attriċi bħala indenniz a favur tal-assikurat tagħha u dan insegwitu ta' inċident illi seħħ fl-1 ta' Diċembru, 2021 fi Triq Ħal Farruġ, Ħal Luqa, bl-imgħax mill-20 ta' Mejju, 2022 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża, kif ukoll tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Mejju, 2022[20] jitħallsu unikament mill-Aġenzija konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[20] A fol 42 tal-proċess